**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta’ Novembru 2021**

Rikors Numru: 311/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 1276/2008)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u hamsa (2005) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat DOK A);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood tal-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) [kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata DOK B];

4. Illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partitijiet ghexu separatament minn xulxin;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

6. Illi ma jithallas ebda manteniment lil parti jew ohra u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni;

7. Illi ghalhekk l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata ddivorzju.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghat daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru 2021;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill- erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.